IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, XXX
[…](2013) XXX draft

# KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

## L-Applikazzjoni tal-Artikolu 260 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea L-aġġornament tad-dejta użata biex tiġi kkalkulata s-somma ta' darba u l-pagamenti ta' penalità li jiġu proposti mill-Kummissjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja fi proċedimenti ta' ksur

MT MT

## KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

## L-Applikazzjoni tal-Artikolu 260 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea L-aġġornament tad-dejta użata biex tiġi kkalkulata s-somma ta' darba u l-pagamenti ta' penalità li jiġu proposti mill-Kummissjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja fi proċedimenti ta' ksur

### I. INTRODUZZJONI

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni rriformulata dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 228 tat-Trattat tal-KE[1] stabbiliet il-bażi li fuqha l-Kummissjoni tikkalkula l-ammont tas-sanzjonijiet finanzjarji, fil-forma ta' somma f'daqqa u ta' ħlasijiet ta' penali, li hija titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tapplika meta l-Kummissjoni tressaq każ quddiem il-Qorti, taħt dak li qabel kien l-Artikolu 228 tat-Trattat tal-KE (li issa huwa l-Artikolu 260 tat-TFUE) fil-kuntest ta' proċedimenti ta' ksur kontra xi Stat Membru.

Il-paragrafu 25 tal-Komunikazzjoni stabbilixxa li r-regoli u l-kriterji mfissra japplikaw mill-1 ta' Jannar 2006 'il quddiem. Il-Komunikazzjoni ddeċidiet wkoll li dawn il-parametri jiġu riveduti kull tliet snin biex ikunu jirriflettu l-inflazzjoni u l-bidliet fil-PDG[2].

Meta adottat il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni tat is-setgħa lill-President tagħha, li jaġixxi bi qbil mal-Membru responsabbli għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, li jadotta l-miżuri msemmija hawn fuq, fuq il-bażi li dan l-eżerċizzju ma jkunx jinvolvi xi valutazzjoni jew użu ta' diskrezzjoni mill-Kummissjoni[3].

F'ċirkostanzi normali, l-ewwel aġġornament tal-elementi rilevanti tal-metodi tal-kalkolu kellu jseħħ fl-2009. Madankollu, fid-dawl taċ-ċirkostanzi ekonomiċi eċċezzjonalment inċerti, ma sar l-ebda aġġornament.

Il-Kummissjoni issa tqis li jkun xieraq li tagħmel l-aġġornament meħtieġ f'konformità mar-regoli ġenerali stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-2005.

Peress li l-aġġornament ma sarx fl-2009 għar-raġunijiet spjegati hawn fuq, ladarba l-Kummissjoni tkun irrevediet il-fattur 'n' tal-kalkolu, hija se tadatta l-kalkolu tagħha għall-fattur 'n' il-ġdid fil-każijiet pendenti quddiem il-Qorti deċiżi fl-2009 skont l-Artikolu 260 tat-TFUE, jekk il-fattur 'n' il-ġdid ikun aktar baxx mill-fattur inizjalment applikat fir-referenza.

Il-metodu biex isir dan l-aġġornament hu mfisser fil-Komunikazzjoni riformulata tal-2005[4] (il-punt 18.2 u n-noti ta' qiegħ il-paġna nri 13, 19 u 23). Għaldaqstant, l-aġġornament għandu jkun ibbażat fuq l-evoluzzjoni tal-inflazzjoni u tal-PDG ta' kull Stat Membru. L-istatistika tar-rata rilevanti ta' inflazzjoni u tal-PDG li għandha tintuża hija dik stabbilita sentejn qabel is-sena tal-aġġornament ('ir-regola n-2'). (Għad-dettalji ara l-intestatura II).

Din il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni hija għalhekk ibbażata fuq dejta ekonomika għall-PDG nominali u għad-deflatur tal-PDG għall-2008 u fuq il-koeffiċjenti korrettorji attwali tad-drittijiet tal-vot tal-Istati Membri fil-Kunsill.

1 SEC(2005) 1658; ĠU C 126, 7.6.2007, p. 12.
2 SEC(2005) 1658, il-punt 18.2 u n-noti ta' qiegħ il-paġna nri 13, 19 u 23 ta'.
3 L-awtorizzazzjoni tat-13 ta' Diċembru 2005 għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet ta' aġġornament ta' ċerta dejta li tintuża fil-kalkolu tas-somma f'daqqa u ta' ħlasijiet ta' penali skont il-politika tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 228 tat-Trattat tal-KE, SEC(2005) 1616/2.
4 SEC(2005) 1658; ĠU C 126, 7.6.2007, p. 12.

M’hemm l-ebda raġuni għalfejn ir-regola n-2 għandha tinbidel. L-użu tad-dejta għall-2008 huwa xieraq peress li ż-żmien minimu meħtieġ biex dejta makroekonomika relattivament stabbli tkun tista' tintuża b'mod effettiv huwa sentejn. L-użu ta' dejta minn n-1 (2009) jista' jfisser li d-dejta tkun għadha soġġetta għal reviżjoni. Barra minn hekk, bl-użu tal-2008 tkun tista' tiġi kkunsidrata sena intermedjarja ta' tkabbir tal-PDG u ta' inflazzjoni, ħaġa li jidher li tipproduċi riżultati ġeneralment konformi ma’ dejta mbassra għas-snin li ġejjin.

Madankollu, sabiex jiġi żgurat aġġornament aktar regolari tad-dejta użata fil-metodu ta’ kalkolu, il-Kummissjoni hija tal-fehma li fil-ġejjieni l-parameteri relevanti għandhom jiġu riveduti kull sena[5].

L-elementi l-oħrajn użati biex isir l-aġġornament huma wkoll konformi ma’ dawk approvati mill-Kummissjoni[6].

## II. L-ELEMENTI TAL-AĠĠORNAMENT

Il-lista ta’ kriterji ekonomiċi li għandhom jiġu riveduti jew introdotti hija kif ġej:

– L-ammont b’rata fissa standard għall-ħlas tal-penali[7], li bħalissa huwa EUR 600 kuljum, għandu jiġi rivedut skont l-inflazzjoni;

– L-ammont b'rata fissa standard għall-ħlas ta' somma f'daqqa[8], li bħalissa huwa EUR 200 kuljum għandu jiġi rivedut skont l-inflazzjoni;

– Il-fattur speċjali 'n'[9], għandu jiġi rivedut skont il-PDG tal-Istat Membru kkonċernat wara li jitqies l-għadd ta' drittijiet ta' votazzjoni fil-Kunsill. Il-fattur 'n' huwa identiku għall-kalkolu tal-ħlasijiet ta' somma f’daqqa u ta' penali għal kull jum;

– Il-ħlasijiet ta' somma f'daqqa minima[10] għandhom jiġu riveduti skont l-inflazzjoni;

– Minbarra l-aġġornament tal-parametri msemmija hawn fuq, għandhom jiddaħħlu fatturi 'n' ġodda u somom f'daqqa minimi ġodda għall-Bulgarija u r-Rumanija.

---

5 Din il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni temenda l-partijiet relatati tal-Komunikazzjoni tal-2005 kif ukoll id-Deċiżjoni dwar l-Awtorizzazzjoni.

6 Id-deflatur tal-prezz tal-PDG jintuża bħala kejl tal-inflazzjoni. L-ammonti ta' rata fisssa uniformi għall-ħlasijiet ta' somma f'daqqa u ta' penali huma mqarrba lejn l-eqreb numru diviżibbli b'għaxra. Is-somom li jitħallsu f'daqqa minimi huma mqarrba lejn l-eqreb elf. Il-fattur 'n' jitqarreb lejn l-eqreb żewġ punti deċimali.

7 L-ammont b'rata fissa standard jew uniformi għall-ħlasijiet ta' penali għal kull jum huwa definit bħala l-ammont bażiku fiss li għalih jiġu applikati ċerti koeffiċjenti multiplikanti. Il-koeffiċjenti huma l-koeffiċjenti għall-gravità tal-ksur u għaż-żmien kemm dum il-ksur u l-fattur speċjali 'n' abbinat mal-Istat Membru kkonċernat, li għandhom jiġu applikati fil-kalkolu ta' ħlasijiet ta' penali għal kull jum.

8 L-ammont b’rata fissa jrid jiġi applikat meta tiġi kkalkolata s-somma f’daqqa. Is-somma f’daqqa tinkiseb billi jiġi mmultiplikat l-ammont ta' kull jum (somma f’daqqa) (li jirriżulta mill-multiplikazzjoni tar-rata fissa għal ħlasijiet ta’ somma f’daqqa bil-koeffiċjent tal-gravità, u r-riżultat ta’ dan il-kalkolu jiġi mmultiplikat bil-fattur speċjali 'n') bl-għadd tal-jiem li matulhom ikompli jseħħ il-ksur bejn id-data tal-ewwel sentenza u d-data li fiha l-ksur jintemm jew id-data tal-għoti tas-sentenza skont l-Artikolu 260(2) tat-TFUE. Is-somma f’daqqa (għal kull jum) tiġi proposta mill-Kummissjoni meta r-riżultat tal-kalkolu msemmi hawn fuq ikun iktar mis-somma f’daqqa minima stabbilita.

9 Il-fattur speċjali 'n' iqis il-kapaċità tal-Istati Membri li jħallsu (il-prodott domestiku gross ('PDG')) u l-għadd ta’ voti li għandhom fil-Kunsill.

10 Il-ħlas ta' somma f’daqqa minima fissa huwa stabbilit għal kull Stat Membru skont il-fattur speċjali 'n'. Is-somma f'daqqa minima fissa tiġi proposta lill-Qorti meta t-total tal-ħlasijiet ta' somma f'daqqa għal kull jum ma jkunx iktar mis-somma f'daqqa minima fissa.

## III. AĠĠORNAMENT

F'konformità mal-Komunikazzjoni rriformulata tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 228 tat-Trattat tal-KE (li issa huwa l-Artikolu 260 tat-TFUE) [SEC(2005) 1658], il-Kummissjoni se tapplika ċ-ċifri aġġornati li ġejjin biex tindika lill-Qorti tal-Ġustizzja, meta tressaq każ quddiemha skont l-Artikolu 260 tat-TFUE, l-ammont tas-sanzjonijiet finanzjarji fil-forma ta' ħlasijiet ta' somma f'daqqa u ta' penali li l-Kummissjoni tkun tqis xierqa fiċ-ċirkostanzi,

(1) L-ammont b'rata fissa standard għall-kalkolu tal-ħlas ta' penali huwa stabbilit fis-somma ta' **EUR 640** kuljum.

(2) Ir-rata fissa standard għall-ħlas ta' somma f'daqqa hija stabbilita fi-somma ta' **EUR 210** kuljum.

(3) Il-fattur speċjali 'n' għas-27 Stat Membru tal-UE huwa:

| | **Fattur speċjali 'n'** |
|---|---|
| Il-Belġju | 5,13 |
| Il-Bulgarija | 1,47 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 3,36 |
| Id-Danimarka | 3,22 |
| Il-Ġermanja | 21,44 |
| L-Estonja | 0,64 |
| L-Irlanda | 2,84 |
| Il-Ġreċja | 4,27 |
| Spanja | 13,66 |
| Franza | 18,96 |
| L-Italja | 17,00 |
| Ċipru | 0,66 |
| Il-Latvja | 0,77 |
| Il-Litwanja | 1,20 |
| Il-Lussemburgu | 1,00 |
| L-Ungerija | 2,84 |
| Malta | 0,33 |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 7,02 |
| L-Awstrija | 4,23 |
| Il-Polonja | 7,88 |
| Il-Portugall | 3,56 |
| Ir-Rumanija | 3,53 |
| Is-Slovenja | 0,97 |

| | |
|---|---|
| Is-Slovakkja | 1,70 |
| Il-Finlandja | 2,86 |
| L-Isvezja | 4,57 |
| Ir-Renju Unit | 18,31 |

(4) Is-somma f'daqqa minima (f'EUR) hija kif ġej:

| | **Fattur speċjali 'n'** | **Somma f'daqqa minima (eluf ta' EUR)** |
|---|---|---|
| Il-Belġju | 5,13 | 2 707 |
| Il-Bulgarija | 1,47 | 777 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 3,36 | 1 773 |
| Id-Danimarka | 3,22 | 1 700 |
| Il-Ġermanja | 21,44 | 11 323 |
| L-Estonja | 0,64 | 337 |
| L-Irlanda | 2,84 | 1 501 |
| Il-Ġreċja | 4,27 | 2 255 |
| Spanja | 13,66 | 7 215 |
| Franza | 18,96 | 10 008 |
| L-Italja | 17,00 | 8 974 |
| Ċipru | 0,66 | 350 |
| Il-Latvja | 0,77 | 405 |
| Il-Litwanja | 1,20 | 632 |
| Il-Lussemburgu | 1,00 | 528 |
| L-Ungerija | 2,84 | 1 498 |
| Malta | 0,33 | 174 |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 7,02 | 3 704 |
| L-Awstrija | 4,23 | 2 234 |
| Il-Polonja | 7,88 | 4 163 |
| Il-Portugall | 3,56 | 1 881 |
| Ir-Rumanija | 3,53 | 1 862 |
| Is-Slovenja | 0,97 | 513 |
| Is-Slovakkja | 1,70 | 896 |
| Il-Finlandja | 2,86 | 1 511 |
| L-Isvezja | 4,57 | 2 411 |
| Ir-Renju Unit | 18,31 | 9 666 |

(5) Il-Kummissjoni se tapplika ċ-ċifri aġġornati fid-deċiżjonijiet tagħha li tressaq każ quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 260 tat-TFUE, mill-għaxar jum tax-xogħol wara d-data tal-adozzjoni ta’ din il-Komunikazzjoni.

(6) Mill-2010 'l quddiem, il-parametri li jinsabu f’din il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni se jibdew jiġu aġġornati kull sena.